XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 23**
**30 ta' Settembru 2014 fl-3:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-3:40 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzat**

| | |
|---|---|
| Sur George Zammit | Kunsillier |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 20,21 u 22 tqassmu qabel u ghalhekk gew approvati.

2. **Progett fi Gnien ta' Blankas**

   Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li kellha laqgħa fl-ufficcju ta' *Funds and Programmes Division* f' St Venera rigward il-fondi ta' Mizura 313. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li giet avzata li peress li ma gie iffirmat l-ebda kuntratt fuq il-Progett tal-Interpretation Centre kif wkoll il-kuntrattur lanqas ipprovda l-performance guarantee fit-termini tal-kundizzjonijiet tal-offerta, jista' jkun il-kaz li ma jigux allokati lill-Kunsill il-fond imwiegħda bil-konsegwenza li l-Kunsill jkollu jagħmel tajjeb b'fondi tiegħu stess għall-progett kollu.

XEWKIJA

Is-Segretarja infurmat wkoll lill-Kunsilliera prezenti bil-fatt li l-progetti tal-girna u tal-interpretation centre kienu hadu aktar zmien mit-terminu originali stabbilit. Dan id-dewmien kien kagunat minn fatturi teknici li l-Perit tal-Kunsill elenka f'rapport li huwa ipprepara. Kopja tar-rapport magħmul mill-Perit John Saliba gie mgħoddi lill-Kunsilliera. Il-Kunsilliera prezenti qablu li jigu preparati addenda għall-kuntratti originali tal-girna u tal-Interpretation Centre biex jigi estiz it-terminu taz-zmien għat-tlestija ta' dawn ix-xogħlijiet u dan abbazi tar-ragunijiet elenkati mill-Perit fir-rapport tiegħu. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mal-Avukat biex jkunu jistgħu jigu preparati dawn l-addenda.

*Dan il-ħin daħlet il-Vici Sindku Dr. Monica Vella.*

### 3. Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

i. Cirkulari AKL 58/2014 dwar laqgħa plenarja għall-Kunsilliera. Il-Kunsilliera ser jinfurmaw lis-Segretarja min ser jattendi.
ii. Ittra mingħand il-MEPA fuq il-latrina ta' Ġnien ta' Blankas.
iii. Zewg ittri mingħand il-MEPA fuq passaġġ fi ta' Ġnien ta' Blankas.
iv. Ittra mingħand Vote 16 at dwar ir-rappreżentanta tax-Xewkija tal-Vote 16. Il-kunsilliera prezenti issuggerew xi studenti. Is-Segretarja ser taghmel kuntatt maghhom biex tara humiex interessati.
v. Ittra mingħand Miriam Schembri fuq talba biex isir qari ta' kotba lit-tfal fil-librerija. Il-Kunsill qabel fuq dan.
vi. Memo 20/2014 dwar tindif tal-Kanali tal-ilma.
vii. Ittra mingħand l-Uffiċċju tal-kummissarju għat-tfal dwar provdiment għal-spazju fejn l-ommijiet ikunu jistgħu ireddgħu t-trabi tagħhom.
viii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Premju Nazzjonali Haddiem tas-sena 2014.
ix. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq il-*European Mobility Week*.
x. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq Premju addizzjonali għall-Kunsilli li jipparteċipaw fin-*national bike ride*.
xi. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq Seminar dwar *Green pocurement and Smart city support in the energy sector*.
xii. Ittra mingħand il-WasteServ fuq parteċipazzjoni fil-*European Week for Waste Reduction*.
xiii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq stedina tal-laqgħat fuq annual pre-buget consultation meetings.
xiv. Ittra mingħand is-Segretarjat Parlamentari għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilita' u anzjanita' attiva fuq seminar rigward id-dimensja u servizzi għall-persuni b'Diżabilita' f'Għawdex.
xv. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq applikazzjonijiet għal nomini għall-Premju Soċjeta' Ġusta 2014..
*xvi.* Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar trasport għall-parteċipanti u lura lejn il-lokalita' tiegħu fil-maratona tal-*European Mobility Week.*
xvii. Cirkuari 56/2004 fuq Malta 5D.
xviii. Cirkulari 55/2014 dwar il-privenzjoni ta' kriminali.
xix. Memo 25/2014 fuq l-iskema dwar inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill ser jerga' japplika fuq din l-iskema.
xx. Memo 24/2014 fuq Applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.
xxi. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Bring-in-Sites.

xxii. Ittra mingħand is-Segretarjat tal-Anzjani u persuni b'diżabilita fuq applikazzjoni għall-biljetti tal-Opera.

xxiii. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-pre-budget consultation.

xxiv. Ittra mingħand Transport Malta rigward reserved parking fi Triq G. D'Amato. Il-Kunsill ma ghandu l-ebda oggezzjoni.

xxv. Ittra rigward karozzi fi Triq Ibisku. I-Kunsill ser jaghmel kuntatt ma' Enemalta fuq dan.

xxvi. Ittra mingħand Angelo Bonello rigward *fitness classes* fix-Xewkija organizzati bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-kunsill qabel li ma jsirux dawn min-naha tal-Kunsill jergu peress li hemm *fitness classes* oħra taħt l-iskema ta' l-isports.

xxvii. Suggeriment mingħand Raymond Mercieca rigward yellow lines fi Triq Santa Katerina Kantuniera ma' Triq il-Knisja . Il-Kunsill għandu jibgħat talba lil TM.

xxviii. Suggeriment mingħand Emanuel Xuereb rigward yellow lines quddiem il-garage tiegħu fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill ser jibgħat talba lil TM.

xxix. Suggeriment mingħand Wenzu Zammit Haber rigward shifting ta' bozza fi Triq Torri Tingi. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

xxx. Suggeriment mingħand resident fi Triq Torri Tingi biex ix-xarabank ma tgħaddix minn hemm peress li t-toroq dojoq. Il-Kunsill qed jagħmel diskussjonijiet fuq dan mal-partijiet koncernati peress li mhux decizzjoni facli.

## 4. Kontijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti. Il-Vici Sindku tastjeni mill-kontijiet tal-Perit inkarigat fuq il-latrina fi Gnien ta' Blankas u fuq tal-Giochi peress li ma kinetx prezenti fil-laqgħat fejn gew diskussi minn qabel. Il-kunsilliera l-oħra prezenti qablu fuqhom.

## 5. Ilmenti u Suggerimenti

i. Il-Vici Sindku infurmat lill-Kunsill li qed ikun hemm ħafna karrozzi fi Triq il-Bir tal-Francizi kif ukoll imbarazz. Il-Kunsill għandu jara fuq dan.

ii. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lill-Kunsill li hemm bzonn ta' bozza gdida fl-area maghrufa ta' Trejzu. Il-Vici Sindku infurmat li fil-passat saret stima fuq din u peress li m'hemmx wire ghaddej din il-bozza ser tigi gholja. Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera prezenti li saret talba lil gvern biex issir dwal f'din it-triq. Is-Segretarja ghandha terga' taghmel talba lill-gvern fuq dan.

iii. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reget gibdet l-attenzjoni rigward il-periklu li hemm fit-Triq il-Ħamrija ħdejn ir-Razzett tax-Xiber u ħdejn is- Strawberry supermarket. Is-Sindku informa li dik il-parti taqa taht il-gvern central. Is-Segretarja ser terga tagħmel reminder fuq dan. Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni ukoll li hemm periklu bit-trukkijiet li hemm in-naħa ta' wara ta' l-iskola. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt ma' MIP peress li din l-area taqa taħt il-kompetenza tagħhom.

iv. Ilment mingħand d-Dipartiment ta' l-Agrikultura rigward zibel fis-central strip fi Triq il-Ħamrija. Il-Kunsill qabel li peress li din taqa' taħt ir-responsibilita' tal-gvern centrali, għandhom jieħdu l-passi neccessarji huma.

XEWKIJA

v. Suggeriment biex issir communial unloading bay fi Triq San Gwann wara l-ħwienet. Il-Kunsill qabel ma dan.

vi. Suggeriment minghand Francis Rapa rigward bozza gdida fi Triq Arc. Grech. Il-Kunsill ser immur fuq il-post jara fuq dan.

## 6. Affarijiet Oħra

i. Is-Sindku infurma lill-kunsilliera prezenti fejn kellu diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex fejn talab l-intervjent tiegħu biex jgħin fit-tkomplija tal-latrina Publika fil-Pjazza San Gwann Battista biex il-progett ikun jista' jitkompla.

## 7. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa giet aggornata fil-5:20 p.m.

Sue-Ellen Bugeja — Paul Azzopardi

Segretarju Eżekuttiv — Sindku